**Domandi preliminari**

1) L-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni prevista fl-Artikolu 1(2)(e) tal-Konvenzjoni dwar il-Liġi Applikabbli għal Obbligazzjonijiet Kuntrattwali ("Konvenzjoni ta' Ruma") u fl-Artikolu 1(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) ([1]) tkopri wkoll il-ftehimiet konklużi bejn benefiċjarju u fiduċjarju li għandu parteċipazzjoni f'soċjetà in akkomandita għan-nom tal-benefiċjarju, b'mod partikolari meta jkun hemm konnessjoni bejn l-istatuti tas-soċjetà u l-ftehim fiduċjarju?

2) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur ("Direttiva dwar il-klawżoli inġusti") ([2]) għandu jiġi interpetat fis-sens li klawżola fi ftehim fiduċjarju konkluż bejn professjonist u konsumatur dwar il-ġestjoni ta' parteċipazzjoni f'soċjetà in akkomandita, li ma kinitx innegozjata individwalment u li tipprovdi li hija applikabbli l-liġi tal-Istat fejn is-soċjetà in akkomandita jkollha s-sede tagħha, hija inġusta jekk l-għan waħdieni tal-ftehim fiduċjarju jkun l-ġestjoni ta' parteċipazzjoni f'soċjetà in akkomandita u l-benefiċjarju jingħata d-drittijiet u l-obbligi ta' azzjonist dirett?

3) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel jew għat-tieni domanda:

Din ir-risposta tkun differenti jekk, sabiex jipprovdi s-servizzi dovuti, il-professjonist ma jkunx obbligat imur fl-Istat tal-konsumatur sabiex iwettaq l-obbligi tiegħu iżda jkun marbut jittrasferixxi l-ħlas tad-dividendi jew benefiċċji finanzjarji oħra li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni, kif ukoll jittrażmetti informazzjoni relatata mal-iżvolġiment tal-attività tas-soċjetà? Il-kwistjoni tal-applikabbiltà tar-Regoalment Ruma I jew tal-Konvenzjoni ta' Ruma hija rilevanti f'dan ir-rigward?

4) Fil-każ li tingħata risposta fl-affermattiv għat-tielet domanda:

Din ir-risposta tibqa' valida jekk, barra minn hekk, it-talba għas-sottoskrizzjoni tal-konsumatur tkun ġiet iffirmata fl-Istat ta' residenza tiegħu, il-professjonist jipprovdi informazzjoni dwar is-soċjetà in akkomandita anki fuq l-internet, u jkun ġie stabbilit kont bankarju fl-Istat tal-konsumatur, li fih il-konsumatur irid jiddepożita somma għall-parteċipazzjoni, minkejja li l-professjonist ma jkollu ebda dritt li jiddisponi minn dan il-kont bankarju? Il-kwistjoni tal-applikabbiltà tar-Regoalment Ruma I jew tal-Konvenzjoni ta' Ruma hija rilevanti f'dan ir-rigward?

([1]) ĠU 2008, L 177, p 6
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvyšší správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fit-23 ta' Marzu 2018 – Milan Vinš vs Odvolací finanční ředitelství**

**(Kawża C-275/18)**

(2018/C 221/14)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Milan Vinš

*Konvenut:* Odvolací finanční ředitelství

**Domandi preliminari**

1) Id-dritt għall-eżenzjoni mill-VAT fuq oġġetti intiżi għall-esportazzjoni, fis-sens tal-Artikolu 146 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([1]) tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, jista' jiġi suġġett għat-tqegħid minn qabel tal-oġġetti kkonċernati taħt sistema doganali partikolari (kif jipprevedi l-Artikolu 66 tal-Liġi Ċeka Nru 235/2004 dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud)?

2) Tali leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tkun iġġustifikata fid-dawl tal-Artikolu 131 tad-Direttiva dwar il-VAT bħala kundizzjoni intiża li tipprevjeni kwalunkwe evażjoni, evitar u abbuż?

([1]) ĠU 2006, L 347, p. 1.

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Mejju 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana**

**(Kawża C-304/18)**

(2018/C 221/15)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: Z. Malůšková, M. Owsiany Hornung, F. Tomat, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Taljana

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li, billi rrifjutat li tqiegħed għad-dispożizzjoni riżorsi proprji tradizzjonali li jammontaw għal EUR 2 120 309,50 relatati mal-avviż ta' nuqqas eżiġibbiltà IT(07)08-917, ir-Repubblika Taljana naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/728/KE Euratom ([1]) l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/597/KE Euratom ([2]), l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE Euratom ([3]), u l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE ([4]) kif ukoll l-Artikoli 6, 10, 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1552/1989 ([5]),l-Artikoli 6, 10, 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1150/2000 ([6]) u l-Artikoli 6, 10, 12 u 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) nNru 609/2014 ([7])

— tikkundanna lil Ir-Repubblika Taljan għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-elementi fil-pussess tal-Kummissjoni, ibbażati fuq il-komunikazzjonijiet u l-informazzjoni pprovduta mir-Repubblika Taljana matul il-proċeduri prekontenzjużi, jindikaw li, fil-kuntest ta' operazzjoni kontra l-frodi bil-għan tal-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' tabakk maħdum barrani, matul l-1997 l-awtoritajiet Taljani kienu aċċertaw id-dejn doganali inkwistjoni, daħħluh fil-kontabbiltà separati u sussegwentement infurmaw lid-debitur bl-ammont ta' dazju dovut. Peress li d-dejn inkwistjoni kien imdaħħal f'kontabbiltà separata (kontabbiltà B) u ma kienx ġie kkontestat, l-awtoritajiet Taljani kellhom jipproċedu fil-pront bl-irkupru tiegħu, ħaġa li huma ma għamlux. L-awtoritajiet Taljani stennew l-eżitu tal-proċedimenti kriminali relatati mibdija kontra d-debituri qabel ma bdew il-proċedura ta' rkupru, proċedimenti li ntemmu madwar 6 snin wara t-tnissil u l-istabbiliment tad-dejn.

Id-dazji doganali huma riżorsi proprji tal-Unjoni, li għandhom jinġabru mill-Istati Membri u jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni. L-obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu d-dritt tal-Unjoni għar-riżorsi proprji jitnissel meta r-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni doganali jkunu sodisfatti (determinazzjoni tal-ammont ta' dazji li jirriżultaw mid-dejn doganali u l-identità tal-persuna taxxabbli).